**Lejn Qafas b'Saħħtu ta' Drittijiet tal-Bniedem u Ugwaljanza**

*Konsultazzjoni Pubblika > Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti*

## Introduzzjoni

Bħala Kunsill lesti nidħlu f'koperazzjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) biex il-lingwa tibda titqies ukoll, u magħrufa mil-liġi, bħala wieħed mill-bażijiet/oqsma għal kontra d-diskriminazzjoni.

## Ftit sfond

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2010/C 83/02), tistipula li:

> *"Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita."* (Art. 21)

Fl-istess dokument, l-UE tiddikjara li *"tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika."* (Art. 22)

Għalhekk, għall-UE r-rispett lejn id-diversità lingwistika hu valur fundamentali għad-drittijiet tal-bniedem, fuq l-istess livell ta' aċċettazzjoni u tolleranza ta' bażijiet oħra li qegħdin diġà fil-mandat tal-NCPE.

Dan hu konformi wkoll mal-Istqarrija Universali dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Magħquda (1948):

> *"Kulħadd hu intitolat għal dawn il-jeddijiet u l-libertajiet imxandra f'din l-Istqarrija, bla ebda għażla, bħal ta' razza, lewn, sess, ilsien, reliġjon, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, proprjetà, twelid jew kull qagħda oħra..."* (Art. 2)

F'kuntest lokali, fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) insibu li:

> *"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.* (Skeda I, Art. 14)[1]

Mhux biss. Il-Kostituzzjoni ta' Malta tistipula li l-lingwi uffiċjali ta' Malta huma l-Malti u l-Ingliż, imma ma tiqafx hemm. Tistqarr ukoll li l-Malti huwa l-ilsien nazzjonali tagħna u għalhekk, bla dubju, huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-identità tagħna.

Din l-istqarrija tal-Kostituzzjoni fuq l-ilsien nazzjonali tagħna tkompli tissaħħaħ fl-Att dwar l-Ilsien Malti (Kap. 470) li fih il-Gvern ta' Malta qed jimpenja ruħu li, fost affarijiet oħra:

> *"3. (1) (e) L-Istat Malti jippromwovi b'kull mezz possibbli l-akbar użu tal-Ilsien Malti fl-edukazzjoni, fix-xandir u fl-istampa, fil-qrati, u fil-ħajja politika, amministrattiva, ekonomika, soċjali u kulturali.*

[1] Dawn huma wkoll, ngħidu aħna, l-objettivi prinċipali tal-Korp tal-Pulizija (Ara l-Att dwar il-Pulizija - Kap. 164, Taqsima II, 4ċ)

(f) *L-Istat Malti għandu jkun minn ta' quddiem biex joħloq l-opportunitajiet kollha possibbli għall-iżvilupp tal-Ilsien Nazzjonali u jara li jkollu d-dinjità li tixraqlu bħala tali."*

Huwa ta' sodisfazzjon ukoll għall-Kunsill tal-Malti li, pereżempju, fil-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema, maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012) u implimentat bil-Liġi Sussidjarja 327.02, il-lingwa qed titqies bħala bażi li fuqha m'għandhiex issir diskriminazzjoni fil-qasam edukattiv:

*"Membri tal-Professjoni tat-Tagħlim għandhom:*

*Juru rispett lejn id-diversità, iżommu l-ekwità u jippromwovu l-ugwaljanza, irrispettivament mill-ġeneru, razza, reliġjon, orjentament sesswali, dehra, età, lingwa jew ħtiġiet jew ħiliet differenti;"* (Prinċipju Ewlieni Nru 3)

**Proposti**

F'koperazzjoni mal-Kummissjoni inkarigata mill-ħarsien tad-drittijiet tal-ugwaljanza fis-soċjetà tagħna, naraw li ma jkunx hemm diskriminazzjoni, la diretta u lanqas indiretta, primarjament:

1. Fl-edukazzjoni, billi tkun żviluppata aktar il-pedagoġija bil-lingwa nazzjonali ħalli aktar tfal ikollhom iċ-ċans li jitgħallmu u ma jaqgħux lura fl-istudju.

2. Fil-komunikazzjoni tal-gvern u tal-kunsilli lokali, billi l-materjal uffiċjali informattiv li joħorġu, jiġifieri, l-avviżi uffiċjali, is-siti elettroniċi tal-ministeri u d-dipartimenti, ir-reklamar u s-*slogans* tad-dipartimenti tiegħu, il-pubblikazzjonijiet (stqarrijiet għall-istampa, rapporti, fuljetti, dokumenti għall-konsultazzjoni), il-formoli, is-senjaletika direzzjonali u informattiva, l-ismijiet tal-inizjattivi/programmi/proġetti/kampanji/postijiet pubbliċi, u l-bqija jkunu, qabelxejn, bil-Malti – il-lingwa nazzjonali. Dan ma jeskludix li jkunu wkoll bl-Ingliż, anzi bħala Kunsill nemmnu li l-affarijiet għandhom isiru bilingwi (biż-żewġ lingwi uffiċjali tal-pajjiż), u mhux bl-Ingliż biss (kif ġieli jiġri), ħalli jintlaħqu l-Maltin kollha u biex verament jitwettqu fil-prattika l-istqarrijiet imsemmija fil-liġijiet indikati qabel.

3. Fil-korrispondenza amministrattiva tal-gvern, billi tkun imħarsa kif imiss l-istqarrija li hemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta:

   *"5. (2) ... kull persuna tista' tindirizza ruħha lejn l-Amministrazzjoni f'kull wieħed mill-ilsna uffiċjali u t-tweġiba tal-Amministrazzjoni għal hekk tkun b'dak l-ilsien."*

   Sfortunatament dan mhux dejjem jiġri. Bħala Kunsill ikollna diversi lmenti mill-pubbliku li jikteb lill-uffiċċji tal-gvern bil-Malti u spiss jingħata tweġiba lura bl-Ingliż. Dan m'għandux ikun għax min jippreferi jew iħossu komdu juża l-lingwa nattiva għandu jkollu l-għażla tiegħu, bi dritt, rispettata. Fl-istess ħin, tkun qed tiġi segwita l-Kostituzzjoni Maltija, il-korrispondenza li kienet intbagħtet lill-impjegati taċ-Ċivil (OPM Nru 32/1996) u l-politika tal-istituzzjonijiet Ewropej, li nsibuha, mill-ġdid, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2010/C 83/02) fit-taqsima *Id-dritt għal amministrazzjoni tajba*:

   *"4. Kull persuna tista' tikteb lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'waħda mil-lingwi tat-Trattati u għandha tirċievi tweġiba bl-istess lingwa."* (Art. 41)

4. Mal-persuni b'diżabilità, billi jsir investiment akbar biex tintuża aktar il-lingwa tas-sinjali Maltija f'laqgħat uffiċjali u fuq l-istazzjonijiet tax-xandir għal dawk neqsin mis-smigħ, biex ikomplu jiġu żviluppati għodod diġitali oħra għal-lingwa nazzjonali ħalli dawk neqsin mid-dawl ikollhom aċċess għal letteratura, pubblikazzjonijiet u informazzjoni oħra bil-Malti, kif ukoll biex tintuża aktar is-sistema tal-*braille* għall-qari ta' pubblikazzjonijiet, testi, struzzjonijiet/dettalji fuq il-prodotti li nixtru, u ta' senjaletika bil-Malti fuq barra (fit-toroq) u fuq ġewwa (f'postijiet pubbliċi, bħaċ-ċentri tas-saħħa u l-isptarijiet).

5. Mal-immigranti u r-refuġjati li jgħixu fostna, mhux biss l-adulti imma wkoll uliedhom fl-iskejjel tagħna, billi fil-pubblikazzjonijiet li l-aktar jikkonċernawhom ikun hemm ukoll taqsimiet bl-aktar żewġ lingwi nattivi ta' dawn il-komunitajiet Afrikani f'Malta – it-Tigrinya u s-Somali.[2]

   Naturalment, dan japplika wkoll għall-aktar lingwi użati minn persuni barranin oħra li jgħixu f'Malta, u li mhumiex mill-kontinent Afrikan.

   Mhux biss. Bħala Kunsill ikollna wkoll talbiet minn diversi barranin għal korsijiet apposta għat-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija. Dawn iħossuhom li jiġu ddiskriminati minħabba l-lingwa fil-post tax-xogħol tagħhom jew fis-soċjetà b'mod ġenerali, u li jkunu jixtiequ jitgħallmu l-Malti biex jintegraw aktar fostna.

6. Mat-telespettaturi tat-televiżjoni u s-semmiegħa tar-radju, billi bi sħab mal-Awtorità tax-Xandir, tibda ssir dejjem traduzzjoni għall-Malti (interpretar/sottotitli/*dubbing*/taqsira ta' dak li jkun intqal) ta' intervisti b'lingwa barranija li jidhru fi programmi jew f'bulettini tal-aħbarijiet bil-Malti.

Jiġu żviluppati wkoll:

7. Linji gwida fuq l-użu ta' lingwa li ma tiddiskriminax, simili għall-manwal 'Reklamar Inklussiv – Linji gwida għal min jikteb u/jew jippubblika avviżi' maħruġ mill-NCPE stess. Dawn huma inizjattivi tajbin li jgħinu biex il-Malti jkompli jiżviluppa bħal-lingwi uffiċjali l-oħra tal-Unjoni Ewropea f'oqsma bħal dawk tal-impjegati u l-konsumaturi.

8. Korsijiet ta' taħriġ intern għall-impjegati ta' entitajiet taċ-Ċivil b'rabta mal-Malti bħala lingwa tal-ugwaljanza (kif iwieġbu t-telefonati, formati ta' ittri, ittri elettroniċi, eċċ).

   Jistgħu jsiru wkoll korsijiet bil-Malti f'oqsma oħra, bħal ngħidu aħna fit-teknoloġija, biex ikompli jinġieb aktar 'il quddiem il-prinċipju tal-anzjanità attiva u tonqos ukoll id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-postijiet tax-xogħol.

9. Skema, bħall-Marka tal-Ugwaljanza, li tinċentiva lill-entitajiet taċ-Ċivil u l-Privat biex jużaw il-Malti, l-Ingliż u lingwi oħra fit-tabelli, fil-pubblikazzjonijiet u mal-klijenti tagħhom. Din tkun amministrata mill-NCPE bi sħab mal-Kunsill tal-Malti u għaqdiet oħra. Isiru wkoll kampanji ta' kuxjenza kontra l-preġudizzji lingwistiċi li jeżistu bejn iż-żewġ lingwi uffiċjali tagħna.

10. Sistema (li tista' tkun b'formoli apposta u/jew b'linja telefonika) għall-investigazzjoni tal-ilmenti ta' min iħoss li qed jiġi ddiskriminat minħabba l-lingwa.

[2] Sors: *I'm Not Racist, But...* maħruġ mill-NCPE fl-2012.

## Eżempji minn lingwi oħra

Lingwi bħall-Irlandiż u l-Welsh ħadmu ħafna fuq dan il-qasam u jiddefendu bis-sħiħ id-drittijiet tal-kelliema u l-kittieba tagħhom billi jużaw il-bilingwiżmu. Tistgħu taraw dawn id-dokumenti, ngħidu aħna:

http://www.nihrc.org/index.php/advice-by-topic/discrimination/item/668-strategy-for-protecting--enhancing-the-development-of-the-irish-language

http://www.equalityhumanrights.com/about-us/equality-and-diversity/welsh-language-scheme

Hemm lingwi oħra li fasslu dokumenti ta' politika u li jagħmlu enfasi fuq dan il-qasam, bħal pereżempju l-lingwi Skandinavi.

## Konklużjoni

Bħala Kunsill, aħna responsabbli mit-tfassil tal-politika lingwistika ta' pajjiżna fil-kuntest bilingwi tagħna. Nemmnu li jekk inkomplu nwessgħu l-mandat tal-NCPE għal-lingwa wkoll, inkunu qed insaħħu aktar il-qafas tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza ta' pajjiżna. Inkunu qegħdin inkomplu nsarrfu wkoll fil-prattika l-ġid kbir tal-bilingwiżmu li bih huma, uffiċjalment, għonja l-gżejjer tagħna.

Napprezzaw li tikkunsidraw is-suġġerimenti tagħna u nieħdu gost niltaqgħu magħkom biex nitkellmu dwarhom.

---

***Dwarna***

*Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti twaqqaf fl-2005 bl-Att dwar l-Ilsien Malti bl-għan li jadotta u jippromwovi politika u strateġija lingwistika xierqa għal pajjiżna u li jara li dawn jitwettqu u jiġu osservati f'kull qasam tal-ħajja Maltija għall-ġid u l-iżvilupp tal-ilsien nazzjonali u l-identità tal-poplu Malti.*

*Il-Kunsill huwa membru tal-Federazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tal-Lingwa (EFNIL).*

***www.kunsilltalmalti.gov.mt | kunsilltalmalti@gov.mt***